MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 532/2014

**Avukat Dottor Louis Bianchi bhala mandatarju**

**specjali tas-socjeta' estera Lacoste S A ta'**

**23/25 rue de Provence, 75009 Paris, France**

**vs**

**Dr. Christopher Chircop u P.L. Katrina Zammit Cuomo**

**gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil**

**Tram P/C STE SKT, Route De Gabes KM2.5,**

**Zone Industrielle Sidi Salem 3000, Sfax, Tunisa**

**b'digriet tas-26 ta' Awwissu 2014**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tad-19 ta' Gunju 2014 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta attrici, hija maghrufa madwar id-dinja nkluz f'Malta bhala propjretarja tal-artikli tal-ilbies "LACOSTE", u hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* famuzi konsistenti fil-kelma "LACOSTE" u miktuba u pinguta b'mod distintiv oltre ghar-rapprezentazzjoni partikolari ta' – jew inkludenti – kukkudrill "CROCODILE", liema *trademarks* jinsabu registrati f'diversi gurisdizzjonijiet inkluz f'Malta, u dan dwar artikli ta' Ibies fost ohrajn;

2. Illi in partikolari, is-socjeta attrici ghandha rregistrata f'Malta b'effett mill-4 ta' April 1983 il-quddiem it-*trademarks* fost ohrajn bin-numri ta' registrazzjoni 37509, 15609, 15461, 15462, 15463 u 15464 ghar-rigward il-kelma LACOSTE, 31033 ghar-rigward il-kelma CROCODILE, 37553, 15431, 15432, 15433, 15434 u 15435 ghal CROCODILE pingut, u 17230 ghal kelma LACOSTE bil-CROCODILE pingut, u dan dwar arloggi u zraben fost ohrajn;

3. Illi bil-hila u bl-invenzjoni taghha, kif ukoll b'hafna sagrificcju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament konsiderevoli kemm fuq is-suq barrani kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-*trademarks* taghha LACOSTE (miktuba b'mod distintiv) oltre ghar-rapprezentazzjoni partikolari ta' – jew inkludenti – kukkudrill - CROCODILE;

4. Illi fil-11 ta' Gunju 2014 is-socjeta attrici giet infurmata mill-Kontrollur tad-Dwana li waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artikolu 4 tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitolu 414 ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-Ligijiet ta' Malta), l-istess Kontrollur tad-Dwana kien issospenda r-rilaxx tal-*container* Nru**.** ECMU 8071944 ta' tul ta' 45 pied kontenenti elfejn u mitejn (2,200) polo shirts (li fuq il-*bill of lading No. SHZ 1611170* relattiv id-deskrizzjoni tal-cartoons relattiva hija ta' bags) u li fuqhom hemm sinjali LACOSTE u CROCODILE, liema artikli waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana in transitu ghar-rilaxx eventwali favur *consignee* / importatrici / notify party indikata fuq l-istess *bill of lading* bhala Tram P/C STE SKT, Route De Gabes KM2.5, Zone Industrielle Sidi Salem 3000, Sfax, Tunisia u *prima facie* dehru car lill-istess Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravvjenu dritt ta' proprjeta intellettwali;

5. Illi l-oggetti hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li fihom sinjali LACOSTE u disinni partikolari ta' – u inkludenti – kukkudrill (CROCODILE), li jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici;

6. Illi s-socjeta attrici tinsab infurmata li b'kollox gew identifikati elfejn u mitejn (2,200) polo shirts bis-sinjali kontraffatti;

7. Illi l-azzjonijiet tal-konvenuta jiksru d-disposizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Kap. 414 hawn qabel imsemmi kif ukoll tal-artikolu 10(1) u (2)(b) tal-Att Dwar it-*Trademarks* (Kap. 416), u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikoli 14 sa 19 tal-istess Kap. 416, 2 u 8(1) tal-istess Kap. 414;

8. Illi s-socjeta attrici ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

9. Illi s-socjeta attrici nghatat opportunita sal-25 ta' Gunju 2014 id-data tal-prezentazzjoni tar-Rikors promotrici sabiex tinforma lill-Kontrollur tad-Dwana li nbdew l-opportuni procedimenti civili gudizzjarji;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet hawn qabel premessi m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi li fuqhom hemm sinjali LACOSTE u disinni partikolari ta' – kukkudril - CROCODILE konsistenti f'elfejn u mitejn (2,200) polo shirts - u li jinsabu prezentement taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* Nru. ECMU 8071944 kontenenti l-imsemmija artikli, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici fir-rigward tat-*trademarks* taghha bin-numri ta' registrazzjoni 37509, 15607, 15461, 15462, 15463 u 15464 ghar-rigward il-kelma LACOSTE, 31033 ghar-rigward il-kelma CROCODILE, 37553, 15431, 15432, 15433, 15434 u 15435 ghal CROCODILE pingut, u 1730 ghal kelma LACOSTE bil-CROCODILE pingut, rispettivament;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta attrici, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil, konvenuta, u ghas-spejjez tal-konvenuta Tram P/C STE SKT, Route De Gabes KM2.5, Zone Industrielle Sidi Salem 3000, Sfax, Tunisia;

3. Tiehu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad il-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna lill-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna

f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta, li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tas-16 ta' Settembru 2014 fejn ighidu hekk:

1. Illi hija s-socjeta atrici li ghandha l-piz tal-prova u cioe illi trid tkun is-socjeta attrici li permess tal-Avukat Dottor Louis Bianchi bhala mandatarju specjali tal-istess socjeta tressaq il-provi u permezz ta' dawn l-istess provi mressqa minnha tikkonvinci lil dina Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess socjeta attrici qeghda taghmel fil-konfront tas-socjeta intimata huma fondati.

2. Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw li m'ghandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz u ghaldaqstant qeghdin jirriservaw id-dritt li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsiru konoxxenti ta' fatti relatati ma' dan il-kaz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici li r-rapprezentanti tahha huma minn issa ngunti in subizzjoni

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in diftett d'ostakolo;

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li s-socjeta attrici hija proprjetarja ta' diversi markji fost ohrajn tal-markji LACOSTE u CROCODILE u CROCODILE pingut u l-kelma LACOSTE bil- CROCODILE pingut u dan kif jirrizultua mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mir-registrazzjoni ta'

trademarks f'Malta bin-numri 37509, 15609, 15461, 15462, 15463, 15464, 31033, 37553, 15431, 15432, 15433, 15434, 15435 u 17230.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'*container* Numru ECMU 8071944 li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur MAKITA li kien diehel Malta fl-24 ta' Mejju 2014 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta' polo/T-shirts li jgibu l-markji distintivi tas-socjeta rikorrenti liema konsenja tikkonsisti f'elfejn u mitejn (2,200) polo/T-shirts u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mid-dokument datat 13 ta' Gunju 2014 (fol. 37) maghmul minn Gwenaelle Derouiche, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skond il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat esebiti u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Joseph Aquilina (fol. 39) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tad-dokument ta' Gwenaelle Derouiche li kkonferma li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta' Joseph Aquilina datat 17 ta' Settembru 2014. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-elfejn u mitejn (2,200) polo/T-shirts in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' elfejn u mitejn (2,200) polo/T-shirts b'Container Numru ECMU 8071944 da parti tas-socjeta intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skond l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 [Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)] u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta rikorrenti fir-Registru tal-Markji ta' Malta;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-oggetti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta intimata, skond l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjeta intimata thallas l-ispejjez kollha, inkluzi dawk tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap. 414 kif jirrizulta mill-affidavit tar-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana (fol. 40);

Bl-ispejjez kontra s-socjeta/entita konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------